# Il-Ħadd 13.12.2015

1. Illum 13/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Fil-5:30pm, ċelebrazzjoni speċjali mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li tibda fil-Knisja ta' San Mark, ir-Rabat, u wara li ssir purċissjoni lejn il-Katidral tal-Imdina, jinfetaħ il-Bieb tal-Ħniena u ssir quddiesa fil-Katidral stess. Nitilqu mill-pjazza fl-4:15pm.

2. It-Tlieta 15/12:
   - Fid-9:30am – il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. It-Tlieta 15/12 tibda n-Novena tal-Milied. Għaldaqstant ir-Rużarju jibda jkun fil-6:00pm u wara jkollna l-ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali. Tul il-jiem tan-Novena ser jitqiegħdu qfief fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex jgħin lill-persuni fil-bżonn.
   - It-Tlieta 15/12 mill-Gruppi ta' Talb.
   - L-Erbgħa 16/12 mill-Letturi u l-Animaturi tal-Quddies.
   - Il-Ħamis 17/12 mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien.
   - Il-Ġimgħa 18/12 mill-Kummissjoni Djakonija u Liturġija.
   - Is-Sibt 19/12 mis-Sorijiet Dumnikani u Kunsill Parrokkjali.
   - Il-Ħadd 20/12 il-quddiesa tat-8:15am tkun animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.
     Filgħaxija mill-Kappillan u l-Kor 'Sine Macula'.
   - It-Tnejn 21/12 mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.
   - It-Tlieta 22/12 mill-Abbatini - *Issir il-Vestizzjoni*.
   - L-Erbgħa 23/12 mill-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.

4. L-Erbgħa 16/12:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Il-Ħamis 17/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja ta' San Mattew tal-Maqluba, il-Qrendi, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

6. Is-Sibt 19/12:
   - Fl-4:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Mill-5:00pm 'il quddiem ikollna l-Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.

7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja hemm min qed ibiegħ biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 265 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja;
   - € 40 b'risq is-siġġijiet il-ġodda taċ-ċimiterju. Grazzi mill-qalb.

9. Nitolbu għal Josephine Busuttil li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...